MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 60/2007

**A B**
**vs**
**C u D, konjugi R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li hu kellu ma' C R, bint-il konvenuti, twieldet it-tifla Z fl-4 ta' Ottubru 1996; li l-attur jinsab akkuzat bil-qtil ta' l-istess C R, u fil-prezent, qieghed mizmum fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin; li fil-frattemp it-tifla trabbiet mal-konvenuti li pero' minn naha taghhom qed jirrifjutaw "imqarr l-icken kuntatt" bejn l-attur u bintu; li l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni sabiex jressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti takkorda access lill-attur ghal bintu u tiffissa l-modalita' ta' dan l-access, "occorredno billi tordna li jigi segwit kors ta' family therapy."; bl-ispejjez

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuti opponew ghat-talba attrici, u sostnew li "l-hsieb biss tal-prezenza tar-rikorrenti jikkrea stat ta' biza' u paniku" fil-minuri li jimmilita kontra l-interessi taghha;

Rat ir-rapporti tas-Social Worker MarKaren Galea[1], tal-Psikologa Denise Borg, u tal-Psikologa Carmen Sammut nominata espert f' dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jiltob li din il-Qorti takkordalu access ghal bintu Z li twieldet fl-4 ta' Ottubru 1996, u tiffissa l-modalita' ta' l-istess access.

**Il-Fatti**
Illi jirrizulta pacifiku li minn relazzjoni li l-attur kellu ma' C R, bint il-konvenuti, twieldet l-isemmija tifla. Sussegwentement C R giet maqtula u l-attur jinsab mixli bil-qtil taghha, u fil-prezent qed jinzamm fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Illi sadanittant it-tifla qed titrabba mal-konvenuti, in-nanniet materni taghha, li minn nagha taghhom qed jirrifjutaw li t-tifla taghmel kuntatt mal-missier, u dan fuq talba ta' l-istess tifla.

Illi s-Social Worker Markaren Galea, nominata matul il-medjazzjoni, rrakkomandat li l-kura u kustodja tat-tifla ghandha tinghata lin-nanniet materni, b' mod li tibqa' tghix ma' l-istess. Hija rrakkomandat ukoll li "Hu mportanti hafna li jkun hemm psychological assessment [tat-tifla] biex jghin lill-minuri tissupera l-esperjenza li ghaddiet

[1] Redatti rispettivament – 30.09.2004, 16.11.2006 u 21.12.2007

minnha, u fejn tkun tista' tohrog ix-xewqa taghha jekk tarax lil missierha jew le."[2]

Illi l-Psikologa u Psikoterapista Denise Borg kkonstatat li "it is presently harmful for [the child] to be introduced to her father without any preparation as this could create anxiety and trauma. The child has to be involved in the decision to see him, and it is not recommended that her father is allowed at any time to appear in front of the child without her permission or acceptance of such a meeting."[3]

Illi l-Psikologa Carmen Sammut, nominata minn din l-istess Qorti, rrakkomdandat li "tintlaqa' t-talba tal-minuri li tithalla li tkun f' eta aktar kbira u matura biex tiddecidi x' tip ta' relazzjoni hi tixtieq li jkollha ma' missierha. Il-minuri ghaddiet minn trawma kbira hafna ……. li tigi sfurzata li taghmel xi haga li hi mhijiex lesta ghaliha tista' tirrizulta fi trawma ohra, trawma li wiehed jista' jevita jekk jaghraf il-bzonnijiet tal-minuri u jimxi maghhom." Hija rrakkomandat ukoll li l-attur jfittex ghajnuna biex tippreparah eventwalment ghall-eventwalita' li l-minuri tistaqsi biex tiltaqa' mieghu."[4]

Din il-Psikola kompliet tirrakkomanda "nemfasizza l-bzonn li l-minuri tkompli tircevi ghajnuna professjonali terapewtika minghand psikologa tat-tfal li taghzel hi" u "nerga' nenfasizza …. Li l-minuri qatt ma tigi mpoggiha f' pozizzjoni fejn iltaqa' ma' missierha minghajr il-kunsens taghha ghax din tista' taghmel hafna hsara lilha."[5]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ma hemmx dubju f' dan il-kaz, li l-interessi tal-minuri jiddettaw li f' dan l-istadju l-attur mhux biss ma jkollux access ghal bintu, izda lanqas ikollu kuntatt maghha; u li meta l-kuntatt jew l-access isir, dan ghandu jisir fuq talba ta' l-istess minuri, wara li din tkun giet ippreparata li

[2] Fol.16
[3] Fol.17
[4] Fol.75
[5] Fol.76

taghmel dan bl-ghajnuna professjonali; anke l-istess attur ghandu jiehu din l-ghajnuna sabiex tippreparah ghall eventwali rikjesta ta’ bintu biex tiltqa’ mieghu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici, rebus sic stantibus, ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li taddotta l-konkluzzjonijiet raggjunti mill-Psikologa Carmen Sammut, tichad it-talba ta’ l-attur; izda, filwaqt li tikkonferma li t-tifla Z ghandha tibqa’ fil-kura u kustodja esklussiva tal-konvenuti, in-nanniet materni taghha, tordna li dawn jassiguraw li t-tifla tinghata, jew tkompli tinghata, ghajnuna professjonali kif fuq rakkomandat mill-psikologi; tordna wkoll lill-attur sabiex anke hu jfittex ghajnuna professjonali ghall-eventwali nkontru ma’ bintu.

Spejjez a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------